**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 22**

**NHAR l-ERBGĦA 6 TA' ĠUNJU 2012 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetchuti | Membru |

Il-Membru Anna Paris kienet skużata .

**TALBA**

Ic-Chairperson qal it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 21 ġew approvati. Alex Chetchuti ippropona. Il-Vici Chairperson issekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

Gie diskuss l-Proġett Pilota tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-risposta ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr R. Fenech Adami dwar ix-xogħlijiet ta' dan il-proġett u dwar il-problema li qad ma waslitx garansija bankarja minn ghand il-kuntrattur u lanqas konferma ta' meta ser jkompli ix-xoghlijiet.

Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' l-istess avukat nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012 fit-3.00pm

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

### Vici - Chairperson

1. Il- V.Chairperson Mary Anne Abela infurmat li t-transport pubbliku mhux qed jitla' l-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sindku diġa' kellu diversi laqgħat ma' uffiċċjali tat-Transport Malta. Dawn ġew infurmati li t-transport pubbliku jrid jaqdi lil-residenti tal-Madliena kif ukoll tiżdied ir-rotta għal Gżira . Transport Malta infurmaw li biex dan jsir ser jinvolvu aktar spejjes.
   Is-Sindku ġie nfurmat ukoll li sa Novembru 2012 mhux ser jinbidlu rottot.

   I-Vici – Chairperson Mary Anne Abela issuġġeriet li t-transport pubbliku għandu jgħaddi mit-toroq li ġejjin:
   Triq ta' l-Ibraġ, Triq is-Siegħ, Triq ix-Xiber, Triq il-Madliena, minn quddiem il-Fortizza u tinżel minn Madliena Hill għal Baħar iċ-Ċagħak.

**III RAPPORTI MILL-MEMBRI (ikompli….)**

**Vici – Chairperson – tkompli**

2. Il-Membru rrapurtat dwar il-ħmieġ taż-żwiemel li qed jkun hemm fi Triq il-Bir u Triq ix-Xagħjrat.

3. Il-Membru nfurmat li hemm kamra ħdejn il-kmamar tan-nar li qed jinsterqu l-ġebel minnha fi Triq Santa Katerina. Din tista' tkun ta' periklu jekk taqa' għat-triq. Il-Kumitat talab sabiex issir kuntatt mal-Kunsill tl-Għargħur dwar din il-materja.

4. Hija nfurmat li l-plot fejn waqa' iċ-ċint fi Triq il-Madliena, huwa rekwisit lil-Gvern Cenrtali u għaldaqstant il-Gvern huwa responsabbli għal kull ħsarat.

5. Hi rrapurtat ukoll hsarat fit-tarmac madwar manhole fi Triq Pedidalwett li qad kemm saret bit-tarmac. Is Segretarju nforma li il-kuntrattur diga jaf b'dawn il-hsarat.

6. Gie rappurtat ukoll haxix hazin fil-parti ta' isfel ta' Triq Pedidalwett .Is-segretarju nforma li b'dawn ix-xoghlijiet ser jinforma lil-kuntrattur.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI (ikompli….)

**<u>Vici – Chairperson – tkompli</u>**

7. Il-Kumitat staqsa sabiex isiru tabelli f'zewg postijiet fil-Madliena hdejn il-Madliena Cottage u Torri Paulina. Dawn it-tabelli jaqraw kif gej : This is a residential area, please respect the peace and quiet of the residents.

Is-segretarju prezenta survey report mill-Mepa tal-parti ta' taht ta' Triq Pedidalwett. Il-Perit Farrugia staqsa sabiex dan is-survey jigi moddi lil perit tal-Kunsill sabiex dan jibda jippreparja id-disinji neccessarji.

Is-segreatarju prezenta kwotazzjoni ta' dawl fi Triq L-Ingineer, din tinkludi 8 installazzjonijiet godda li jinkludi ukoll l-arbli taghhom, ammont ta 11,159.29 Euros .Il-Kumitat ikkonkluda li dan il-progett jigi diskuss aktar il-quddiem wara li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

Il-laqgha spiccat fis-7.15pm. Sar aggornament ghal nhar L-Erbgha 18 ta' Lulju 2012 fil 5.00pm .

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**